MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Numru 372/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**
v

**DEAN MARTIN**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DEAN MARTIN** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Raymond u Anna nee Bonnici, imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1960 u joqghod 33, Triq San Gejtanu, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 407080M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Marzu 2002 u fix-xhur ta' qabel, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin minghand jew biegh jew issellef xi deheb jew deheb, flus barranin u cioe flus dollari lil xi persuna ohra li ma hiex negozjant awtorizzat.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 43 tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju esibit fl-atti mmarkat bhala dokument CSH 3 kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja li jinsab immarkat bhala dokument CSH 2 fl-atti odjerni.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum s-sittax ta' Ottubru 2003.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.
Rat l-fedina penali tal-imutat esibita fl-atti w immarkata bhala dokument CSH 1, u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga nstab f'hames okkazzjonijiet hati fuq reati li jikkoncernaw fost akkuzi ohra, theddid lil Ufficjal Pubbliku, pussess ta' droga, w inghata kundanna ta' multi, unconditional discharge u sentenzi sospizi ta' prigunerija.

Rat l-istqarrija tal-imputat esibita fl-atti w immarkata bhala dokument CSH 2 u minn ezami tal-istess jirrizulta l-koperazzjoni titali tal-imputat mal-Prosekuzzjoi f'din l-investigazzjoni u bis-sahha tal-istess, il-Prosekuzzjoni irnexxilha ssolvi reat f'qasir zmien.

Ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imptuat u dan fl-ewwel appuntament li nghata u ghalhekk ma gewx mohlija flus lil Gvern u zmien lil Qorti.

Qisiet l-ammont zghir ta' dollari involuti f'dan il-kaz u cioe mitejn dollari amerikan.

Rat li s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali u kien l-imputat biss li sofra telf materjali konsistenti f'mitejn dollari falz.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 4(1) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li ssib lil imputat DEAN MARTIN hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u kif ammessa minnu stess llum u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira maltin li ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat jhallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Ottubru 2003.**

**Oltre dan il-Qorti tordna l-konfiska tad-dokument CSH 5 u cioe mitejn dollaru amerikan favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------